**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 315/2017*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**-vs-**
**Philip Borg, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 98770M; u**

**Christian Borg, detentur tal-Karta t'identita` numru 373793M**

**Illum: 8** ta` Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Philip Borg u Christian Borg u cioe` talli:

> Nhar it-30 ta' Gunju, 2017, ġewwa Triq il-Kandlora, Ħaż-Zebbuġ, u f'dawn il-Gżejjer, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Baskal Debono u'jew persuna oħra, persuna li għalqet l-eta ta' sittin sena hekk kif iccertifikat min Dr. Muscat, Med Reg: 1493

Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi għamlu lil Baskal Debono u/jew persuni oħra injurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kienu provokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

U aktar tali fl-istess lok, hin u cirkustanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika, b'għajjat u glied.

Lil Philip Borġ waħdu talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar min €116.47 imma inaqas min €1,164.69

Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanza rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikolu 49, tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li huwa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mil-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jigu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lil Baskal Debono u l-familja tiegħu w r-residenza tiegħu kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

[1] Fol.298-299

A. **Fil-konfront ta' PHILIP BORG u CHRISTIAN BORG <u>flimkien</u>:**

- Fl-Artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215, 218, 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. **Fil-konfront ta' PHILIP BORG <u>waħdu</u>:**

- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

Nhar l-20 ta' Marzu, 2019, il-parte civile ddikjara li hu gie mhallas ghad-danni civili minnu sofferti u, safejn kien applikabbli, irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imsemmija imputati.[2]

**PS 610 Mark Anthony Spiteri** spjega kif fit 30 ta' Gunju, 2017, f'xi 8.15pm fil-hin li kien *duty* l-għassa ta' Ħal-Qormi, daħlet telefonata illi kiene sehhet glieda ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Kif wasal fuq il-post sab persuna mweġġa; dan kien bilqegħda fuq bankina b'xi nies magenbu jghinuh. Qallu li kien involut fi glieda, li kien imweġġa u li għamlulu l-hsara anke

[2] Fol.306

mal-vann tiegħu li kien ipparkjat fl-istess triq.[3] Ix-xhud kompla jghid illi waqt li kien fuq il-post huwa rcieva telefonata fejn ġie infurmat illi tnejn min nies kienu irraputaw l-Għassa ta' Ħal-Qormi fejn qalu li kienu nvoluti fi ġlieda gewwa Ħaż-Żebbug. X'hin rega' nizel l-għassa sab lill-imputati Philip u Christian Borg li stqarrew li kienu involuti fi ġlieda. Baskal Debono soffra griehi ta' natura gravi peress li soffra ksur fil-parti ta saqajħ.[4] Is-Surgent Spiteri ikkonferma wkoll li kienu nhargu akkuzi anke fil-konfront ta' Baskal Debono talli ikkaguna ferita ħfief fuq Philip Borg u martu.[5] Ix-xhud kkonferma il-Current Incident Report[6] kif ukoll l-istqarrijali rrilaxxa l-imputat Philip Borg.[7]

Mill-**Current Incident Report** jirrizulta li *a tempo vergine* Debono qal li hin qabel ma sehhet il-glieda, hu kien isuq il-vettura tieghu meta fl-istess hin kien ghaddej Christian Borg fid-direzzjoni opposta. Intlaqtu l-mirja tal-vetturi u Christian saq warajh u beda jargumenta mieghu izda kollox waqaf hemm. Ftit tal-hin wara x'hin kien qed isuq fi Triq il-Kandlora, ltaqa' ma missier Christian, Philip, *"fejn dan beda jargumenta mieghu nizel mill-vettura u tah daqqa ta' ponn fuq il-windscreen bil-konsegwenza li kisirulu.".* Fuq il-post wasal ukoll Christian li hebb ghalih flimkien ma missieru. *"Debono zied jghid li huwa kien qabad injama li kellu fil-vettura sabiex jiddefendi ruhu izda dawn* ***tefawh mal-art u bdew jghattuh bis s-sieq".***[8] Fuq il-post il-pulizija tkellmet ma Philippa Elmer li kienet fil-kumpanija ta' Debono.

---

[3] Fol.12
[4] Fol.13
[5] Fol.14-15
[6] **Dok.MS** a fol.17 et seq
[7] Fol.108. Vide stqarrija **Dok.RS1** a fol. 34 et seq.
[8] Fol.20

Qalet kif kienu ltaqaw ma ragel li beda jargumenta ma Debono u joffendih *"fejn dan hareg mill-vettura tieghu u ta daqqa fuq il-windscreen tal-vettura ta' Debono…fuq il-post wasal ukoll persuna maskili ohra fejn* ***flimkien dawn kienu hebew ghal Debono tefawh mal-art u bdew jghatuh".***[9]

X'hin kien l-ghassa, gie mitkellem ukoll Christian Borg li stqarr kif kien gej mill-Mosta *"u meta dahal Haz-Zebbug inzerta lil Ninu li joqghod faccata tieghu go triq daqxejn dejqa u laqatlu l-mera tal-karozza li bid-daqqa inghalqet imma ma nkisritx u meta ghajjatlu biex jieqaf hu baqa' sejjer u hu saq ghal warajh u x'hin lahqu u pogga l-karozza quddiemu Ninu beda joffendih…meta wasal id-dar rrakonta dak li kien gralu lil missieru fejn aktar tard missieru ltaqa' ma Ninu fit-triq ta' fejn joqghodu fejn hemmhekk Ninu rega' hareg frostin u beda jxejru u laqat lil ommu go sieqa u lil missieru. Christian stqarr li* ***waqt li kien ser jersaq lejn Ninu dan kien ser itih daqqa u meta ccaqlaq biex jahrab daqqa dan laqat lil Ninu bil-konsegwenza li waqa' mal-art.".*** *Ghalhekk telqu minn fuq il-post u marru jaghmlu rapport l-Ghassa.*[10]

Il-**Current Incident Report** gie kkonfermat ukoll minn **PC1307 Leon Baldacchino**[11] u **PC1087 Roderick Redent Degiorgio**.[12] Degiorgio jsemmi kif meta mar fuq il-post sab lil Debono ma l-art. Debono nfurmah li kellhu ugiegħ f'saqajħ u fil-fatt siequ dehret miksura. Dak li qallu Debono *a tempo vergine* hu mnizzel fir-rapport. Qatt ma ssemmiet frosta minn Debono.[13]

---

[9] Ibid.
[10] Fol.21
[11] Fol.110
[12] Fol.112
[13] Fol.114

Ir-rapport jindika li Debono inzamm l-isptar filwaqt li nhareg certifikat rigward griehi hfief dwar l-omm, Antonella Borg.[14]

*A tempo vergine* **Philip Borg** qal lill-pulizija li kien cempillu Christian u qallu li kellu xi jghid ma Debono peress li dan laqatlu l-mera tal-karozza u ma waqafx; meta waqaf ikellmu dan offendih u hareg frostin ghalih. Kompla li hu telaq mid-dar biex imur ghand bintu u fit-triq inzerta lil Debono. Skond Philip kien Debono li talbu jinzel biex ikellmu. Malli Philip nizel mill-karozza dan <u>saq il-quddiem u Philip laqatlu l-paraventu tal-karozza li nkiser</u>. Malli gara dan Debono nizel mill-karozza u insista li Philip ihallas tal-hsara. Philip staqsieh ghaliex kien qed jaqbad ma ibnu u dan wiegbu ghax *"kiesah"* u *"essenza tal-****"*. Qallu wkoll *"ghat-tifel hrigtu il-frustin, ohorgu ghalija"*. Waslu fuq il-post in-neputi ta' Philip li ferraqhom u Christian. Dak il-hin Debono hareg il-frostin mill-wara tal-van u mar lejn Christian u meta fajjar daqqa laqat lil mara go saqaja u beda jfajjar ***"u meta t-tifel imbuttah Ninu waqa u beda jghajjat bl-ughih*** *u kien f'dan il-mument li Philip qabad il-frustin u sabbtu mal-art bil-konsegwenza li dan inqasam"*.Telqu minn fuq il-post biex marru jirrapurtaw b'dak li sehh l-Ghassa.[15]

Minn dan jirrizulta kjarament li dak li tul dawn il-proceduri issir riferenza ghalih bhala "frustin" jew frostin" mhu xejn ghajr bastun tawwali irqieq tant li l-ispettur jiddeskrivieh bhala *"bicca njama zghira fil-vann…[xi] nofs pied"*.[16]

---

[14] Fol.22
[15] Fol.21
[16] Fol.29-30

**Antonella Borg**, illum mejta, infurmat lil Pulizija hekk *"Kont qeghda mal-familja d-dar u cemplilna t-tifel u qalilna fuq il-kwistjoni li gratlu ma Ninu. Ahna kien sarilna l-hin biex imorru ghat-tifla l-scouts u dorna minn fejn it-tifel u waqafna fil-kantuniera biex naraw hux gejjien karozzi. Minnufih ilmaht lil Ninu u lil ragel qallu biex jizel halli jkellmu u r-ragel nizel. Ir-ragel qallu ma jibqax ikellem lit-tifel tieghu u minnufih Ninu saq kemkem il-vettura tieghu. Philip ghamel idejh fuq il-windscrreen u faqqat. Ninu nizel mill-vettura u beda jghid li t-tifel hu essenza ta **** u kiesah. Jiena mort biex nirraguna mieghu bil-kelma t-tajba izda baqa jkellimni hazin waqt il-pront gie t-tifel. Ninu, kif ra t-tifel irvillla u beda jghiru u qal li mhux vera hareg il-frustun fejn sadanittant ir-ragel beda jipprova jifred. F'daqqa wahda hareg il-frustun u beda jxejru lejna. It-tifel tbaxxa u spicca laqghat lili f'siqghi.* ***Ir-ragel imbutta lil Ninu u waqa mal-art."***[17]

Jigi sottolinejat hawnhekk li jinghad li Ninu (Debono) saq *"il-quddiem"* u *"kemkem"*. Fl-ebda hin ma qed jigi allegat li Ninu pprova jsuq ghal fuq Philip. Lanqas ma jista' jitwemmen li semplicement ghax Philip laqat il-*windscreen,* kif iddikjara *a tempo vergine,* dan kien ser iwassal sabiex titkisser *windscreen*. Mhemmx dubbju, kif jixhdu r-ritratti esebiti, li l-hsara hi wahda kompattibbli ma daqqa bil-forza u mhux semplicement kawzata ghax intmesset il-*windscreen*![18]Ghalhekk dak li gie dikjarat minn Antonella Borg dwar kif spiccat mkissra l-*windscreen* ta' Debono mhux komfortat mill-provi.[19]

---

[17] Fol.21-22

[18] **Dok.BD1** a fol.59

[19] Tenut kont li Antonella Borg ma setghetx tingieb tixhed l-Qorti qed tiehu konsiderazzjoni tal-kliem li tlissen minnha. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** gie dikjarat:[19]

**L-Ispettur Roderick Agius** xehed kif hu kien gie infurmat bl-argument bejn Christian u Debono minn PS610 Spiteri. Christian kien informa lil missieru b'dak li sehh ftit qabel fejn qallu li Debono hareg frostin ghalih. X'hin Philip Borg sussegwentement kien għaddej fit-triq, iltaqa' ma Baskal Debono u hemm l-argument rega' kompla w eskala meta l-imputati gew fl-idejn ma Debono. Debono sofra xi griehi u ssejjhet ambulanza fuq il-post; Debono sofra ksur f'siequ.[20] L-ispettur jirrakonta kif l-imputati marru min jeddhom gewwa l-Ghassa fejn insistew illi jagħtu l verzjoni taghhom. Spjegaw li kien inqala' argument fejn Baskal Debono hareg xi tip ta frostin f'dan l-argument u waqt li beda jxejru kien laqghat lil Christian u lil xi familjari teighu. Ix-xhud stqarr illi meta gie infurmat illi l-griehi sofferti min Baskal Debono kienu ta natura gravi ttiehdet stqarrija tal-imputati. In kontro-ezami jikkonferma li Debono ma ghamilx rapport peress li kienet issejhet ambulanza izda gie mitkellem fuq il-post u kien f'dak il-hin li ttiehdet il-verzjoni tieghu dwar dak li sehh.[21] Dwar jekk Christian kienx mahruq ghaliex Debono taha daqqa ta'

---

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599)[19] mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

'599. Il-qorti tista', ***skont iċ-ċirkostanzi***, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; **inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed**, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża '**Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija'** il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988[19]1 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

[20] Fol.23
[21] Fol.26

frostin lill-ommu *"Hu qalli li s-Sur Debono beda' jxejjer il-frustin … u ntlaqtghet ommu. Biss kien mahruq mhux f'dak l-istadju….[imma] meta kien qed isuq warajh bil-vettura….ghax kien hemm battibekki dejjem jghidlu isma tersaqlix lejn il-garaxx u affarijiet bhal dawn…Ghax laqatlu l-mera…l-incident minn hemm beda."*[22] Meta Christian Borg mar isuq wara Baskal Debono dan hareg frostin u beda jxejru izda ma laqtux. Borg informa lil missieru dwar dak li gara, *"Il-missier jghid li hareg biex jaghmel qadja u ltaqa' mas-Sur Baskal Debono fit-triq rega', u f'dak il-hin kien hemm is-Sur Borg il-missier u t-tifel li ntaqghu fit-triq u kompla l-argument"*.[23]. Debono kien innega li kellhu frostin u minn tfittxija tal-pulizija fil-vann ta' Debono nstabet ***"bicca njama zghira fil-vann…[xi] nofs pied".***[24] Riprodott ix xhud sostna illi huwa ma kellhux fil-pussess tali njama u mistoqsi mil-Qorti jekk tali injama gietx mhollija fuq ix-xena tal-kaz jew le ix-xhud qal illi sa fejn jaf hu din l-injama qatt ma nstabet.[25] Din id-dikjarazzjoni hi kontradetta mill-fatt li fix-xhieda tieghu kien qal li kienet instabet fil-vann[26] tant li *"Issa nesebuha mhux qeghda hawnhekk illum".*[27]. Akkuzi inhargu wkoll fil-konfront ta' Baskal Debono.[28]

Fl-istqarrija[29] minn tieghu **Christian Borg** jispjega kif kien ghaddej bil-karozza tiegħu u Baskal Debono kien bil-vettura tieghu ghaddej isuq minn hdejh meta laqatlu il-mera u Debono baqa' sejjer. Borg sostna illi

---

[22] Fol.28
[23] Fol.29
[24] Fol.29-30
[25] Fol.122
[26] Fol.29-30
[27] Fol.30
[28] Fol.25
[29] **Dok.RS** a fol.32

huwa saq wara Baskal Debono biex iwaqqfu *"imbghad tfajt quddiemu bil-vettura tieghi biex jieqaf, u ghedtlu Nin taf illi lqatli l-mera tal-karozza, qalli jien fuq in-naha tieghi kont, huwa beda jghajjat u joffendini u jiena bdejt noffendieh lura, imbghad jien inzilt mill-karozza u kif inzilt jien, nizghel hu…. qalli illi kien ser johrog il-frostin imbghad hareg frostin mill-bieba ta' wara tal-van tieghu u beda jxejru, imbghad jien bzajt tlajt fil-karozza u tlaqt l-hemm."* Mar id-dar tieghu w cempel lil missieru *"imbghad missieri telaq imferfex u mar ikellem lit-tifel tieghu u dak il-hin telgha Ninu. Jien imbghad biddilt u mort fejn kien sejjer missieri u kif jien wasalt, Ninu beda jghid ara gie l-assenza tal-****"*. Sab li Ninu kellu daqqa fuq il-*windscreen* tal-van tieghu *"dak il-hin inqalghet glieda, ghedtlu Nin taf li lqatli l-mera, qalli le mhux vera, imbghad ghedtlu ghaliex hrigt bil-Frostin ghalija, qalli le mhux vera, ….imbghad qalli trid il-frostin? Mela ara kif gej il-frostin, u hareg il-frostin mill-bieba ta' wara tal-van tieghu u Ninu beda jxejru u laqat lil ommi f'sieqha, ta' ohra, jien tbaxxejt u laqat lil missieri, imbghad jien iddefendejt ruhi,* ***imbghad jien imbuttajtu lil Ninu u huwa waqgha mal-art*** *u* ***taghjtu xi daqqiet*** *u [recte: Ninu] beda jxejjer fl-istess hin…..****Jien tghajtu zgur****"*.[30]

Ittiehdet ukoll stqarrija tal-imputat **Philip Borg**.[31] Dan spjega kif ibnu kien cempillu w infurmah li Ninu kien laqatlu l-mera u baqa sejjer. Kien sejjer jigbor lill-bintu mill-*scouts* flimkien ma martu u fit-triq ra lil Ninu gej bil-vettura fil-kumpanija tal-partner tieghu *"qalli biex ninzel ha nitkellmu…u jien ftaht il-bieba inzilt biex immur nara xi irid ….kif mort biex inkellmu, nahseb illi huwa saq il-van u jien taghjtu daqqa fuq il-windscreen tal-van…";* baqa' joffendi lill-ibnu u staqsieh ghaliex nizel bil-frostin ghat-tifel *"ghedtlu lil*

---

30 Fol.33

31 **Dok.RS1** a fol.34-35

*uliedi hadd ma jsawwathomli, nehija minn rasek illi ser issawwat lit-tifel…huwa qalli illi lanqas biss kellu frostin, ghedtlu jekk ghandek frostin nizlu u ejja ghalija u mhux ghat-tifel, qalli jien qed nghid la nzilt bil-frostin u lanqas ghandhi frostin".* Fuq il-post wasal neputih li beda jzommu mal-hajt biex jikkalma s-sitwazzjoni u mbghad Ninu beda jirraguna ma martu. Wasal Christian ukoll u meta infurmah li Ninu beda jinnega li nizel bil-frostin hu baqa' jinsiti li hekk kien gara, *"imbghad kif staqsieh it-tieni darba qallu iva inzilt bil-frostin u Ninu tfixkel u ma baqax jara, u qallu illi kien ser jerga' jnizzlu, fetah il-biba ta' wara tal-van u nizlu l-frostin, Ninu xejjer daqqa lit-tifel, il-mara tieghi Antonella gibdet lit-tifel lura biex ma jsawtux…u kif gibditu lura, qalatha l-mara f'sieqa….kont ghadni mal-hajt…x'hin rajtu jxejjer bil-frostinu **laqatli** l-mara, **dak il-hin lil Christian ghidtlu imbuttah, tiehilu, thalliehx jaghtik, jien irvillajt";*** mar fuq Ninu hadlu l-frostin ghalkemm dan kien lahaq xejjirlu daqqa u laqtu fuq genbu. *"…imbghad Ninu kien mal-art, **ma nafx jekk kontx imbuttajtu jien jew inkella kien imbuttah it-tifel** u kif hadtlu l-frostin jiena **xejjirtlu daqqa tajba bih** u nahseb lqattu go siequ".*[32]

Minn dan jirrizulta li Antonella ntlaqtghet u mhux issawtet. Jirrizulta wkoll li l-verzjoni ta' Philip li hu mexa lejn il-vettura ta' Debono ghax dan sejjahlu m'ghandhiex mis-sewwa. Pjuttost jaghmel sens li Philip, irrabjat kif kien wara dak li kien qallu ibnu, nizel ghalih. Ma jaghmel l-ebda sens li min ghadu kif tlewwem ma persuna jara lil missier dik il-persuna u jitolbu jinzel mill-vettura biex ikellmu minflok jinzel hu mill-vettura u jmur ikellmu hu galadarba kien dan tal-ahhar li ried jitkellem mal-iehor!! Jekk persuna trid tkellem terz iehor ma jsejjahx lit-terz biex jigi jkellmu

[32] Fol.35

izda jmur hu lejn it-terz la kien hu li ried ikellmu!! Fil-fatt dak li jixhdu Elmer u Baskal jaghti kwadru aktar rejali u veritjier.

**Phyllis Elmer**, il-**partner** ta' Debono, xehdet kif hi u Debono kienu diehlin Ħaż-Żebbuġ gew wicc mb'wicc ma Philip Borg li kien fil-karozza ma martu. Kemm Baskal kif ukoll Philp waqqfu. **Philip deher irrabjat hafna u nizel mil-karozza *"taha daqqa ta ponn fuq il-windscreen ta' Baskal u kissierhielu";*** dan sehh hekk kif hi w Baskal kienu ghadhom gol-vettura.[33] Baskal ma baqax isuq *"Ghax hu forsi haseb biex ikellmu …Imbghad x'hin tah daqqa ta' ponn fuq il-windscreen u kissierilhi dan baqa' rrabjat ghalih"*, gie ragel iehor izomm lil Philip izda ftit wara wasal Christian.[34] Tghid li bix-xokk li kellha fuqha ma tafx x'kien qed jigri aktar sakemm fl-ahhar rat lil Baskal f'nofs tat-triq b'sieq„u miksura. Tikkonferma li kienu ghadhom bilqeghda fil-vettura meta Philip taha iddaqqa fuq il-*windscreen*.[35] Tinsisti li ma rat xejn f'idejn Baskal.[36]

**Baskal Debono** xehed kif kien fi triqtu lejn is-Siġġiewi bil-vann u Christian Borg kien tiela' bil karozza mal-mara *gas down* u laqtu mera ma mera. Hu waqaf imma kif ra li l-karozza l-ohra baqghet sejra baqa sejjer bil-mod. *"Imbghad qisu kemm minn hawn u din li ghamlu t'hemm barra tal-Belt x'jghidulha l-funtana, gie kemm jimxi …Chrsitian, ghadda wrond side qabez il-karozzi kollha, kien hemm r-roundabout, dahal wrong side hekk sakkarni lili u gie quddiemi….U hareg u qabad joffendini"*.[37] Hareg mill-vettura ghax

[33] Fol.38-40
[34] Fol.41-42
[35] Fol.43
[36] Fol.44
[37] Fol.48

Christian kien qed issakkru u ma setghax jibqa jsuq. Kif hareg mill-van Christian waqaf *"U jien kelli qisu bastun zghir hawn li mmur ghal fenek bih, u ghamiltu hekk mal-bieba tal-vann fuq gewwa, ghidt issa jekk jaqla xi mus jew xi haga ghandhi biex niddefendi ruhi".* Dan il-bastun kien ta tliet piedi.[38] Ikompli *"Ma baqax gej fuqhi u lil maru tieghu ghidtilha ghalfejn qed taghmlu hekk ghamiltlu xi hsara? Jekk dak ingibu warden jekk ghandu hsara, qalli ma jinteressanix qalli int ghandek ghalija ma tahmilnix".*[39] Christian telaq minn fuq il-post. Hu u niezel lura xi 45 minuta wara, u kien wasal hdejn id-dar t'ibnu fil-kantuniera fejn qabel kienu habtu *"gie missieru mal-mara bil-karozza, quddiemi…. nizel.* ***Kif nizel pumm daqqa ta' ponn fuq il-windscreen, pumm daqqa ohra fuq il-bonnet,*** *qalli meta trid issawwat sawwat lili mhux lit-tifel…**Qabad jaghti fuq il-vann kissirli l-windscreen b'daqqa ta' ponn**…l-mara tieghu qaltilha lil Phyllis ara ma tmurx tolqotli l-karozza ta …Ghax sakkarni ezatt lili. Karozza ma karozza…Gie fuqi wrong side hu kif rani gej…Jien gol-karozza kont, gol-karozza. Imbghad jien hrigt minn gol-karozza u ha ncempel lil pulizija."* Kif ra hekk Philip li kien qed jigi mizmum mal-hajt minn neputi tieghu, zgicca mar ghal fuqu u tajjarlu l-mobile.[40] Kif qed jigbor il-mobile wasal Christian u peress li haseb li ser jaggredieh fetah il-vann biex igib il-bastun li kien tefghu wara. Kif rah ser jaqla' l-bastun ***"hatafni t-tifel tieghu minn wara, hadli l-bastun hu u tefghuni ma' l-art u bdew ituni bis-sieq kif gie gie. Kisruli saqaja mill-ewwel, u avolja ghditilhom sieqi miksura baqghu ituni".***[41] Ghamel tlett ijiem l-isptar fejn gie operat biex sarulu boltijiet u anke ghamlulu pjanca f'saqajh.[42] Spjega

[38] Fol.49-50
[39] Fol.50
[40] Fol.50-52
[41] Fol.52
[42] Fol.53-54

li ghandu 64 sena u ghadu ma jistax jimxi fuq sieq wahda u baqa' migugh. Ikkonferma li ghajr ghal bastun ma kellu xejn aktar fuqu.[43] Debono esebixxa ritratti li ttiehdu minn ibnu, Pierre, li sussegwenetment kkonfermahom.[44] **Ix-xhud identifika il-persuni li bdew ituh bhala l-imputati**.[45] Fost ir-ritratti esebiti hemm dak li fih jidhru l-hsarat fuq il-vettura tieghu[46] Riprodott[47] Debono pprezenta ricevuti tal-hsarat fuq il-van tieghu fl-ammont ta' €218.[48]

Gie esebit **Case Summary** minn fejn jirrizulta li Debono *"sustained a right distal tibia/fibula fracture."* [49]

**Pierre Debono**, bin Baskal, xehed kif kienet cemplitlu martu Michelle li infurmatu li taht id-dar kien hemm missieru li kien qed jigi msawwat mill-imputati. Hu mar mill-ewwel id-dar u wasal xi ghaxar minuti kwarta wara fejn sab lil missieru ma l-art. Fuq il-post kien hemm biss Silvio Borg, in-neputi ta' Philip Borg.[50] Cempel ghall-ambulanza u gibed r-ritratti li esebihom missieru meta xehed.[51] X'hin kien fl-ambulanza ma missieru cempel Philip minn fuq il-mobile ta' ibnu u *"qalli ha nghidlek inti tindahalx….u ghid lil mara tieghek biex ma tindahalx, bdiet tiehu ritratti u tigbed*

---

[43] Fol.54
[44] Fol.53. Vide **Dok.BD, Dok. BD1 u Dok. BD2** a fol. 58-60. Xhieda Pierre Debono a fol.65
[45] Fol.55
[46] **Dok.BD1** a fol. 59
[47] Fol.85-86
[48] **Dok PD** a fol 87
[49] **Dok.BD3** a fol. 61
[50] Fol.64
[51] Fol.65

*il-vedio mill-gallarija…ghid lil mara tieghek ma tindahalx"*.[52] Fil-fatt martu ma kienet hadet l-ebda ritratti imma meta kienet fil-gallarija kienet qed tipprova iccempel lilu.

**Silvio Borg,** in-neputi ta' Philip Borg, iddeskriva kif hu w ghaddej mit-triq ra lil zijuh u lil Debono jilletikaw *"kienu qed jikkustinjaw bil-paroli"*.[53] Issemmi kif *"**mort inzomm lil Philip Borg jien** … **Philip Borg dak il-hin kien irrabjat, u ried imur ghall-iehor**, u jien ippruvajt.. .. U **jien ippruvajt nikkalmah hux,** qed tifhimni? Kien qisu qghad ikkalma, l-iehor imbaghad fetah il-bieba tal-vann kellu xi haga gabha, Ninu Debono, mbaghad dak il-hin tlaqtu lil Philip Borg jien…. Philip Borg u Ninu Debono mbaghad qabdu jiggieldu. … Rajthom jiggieldu hux. Imma mbaghad tlaqt jien. Intfajt mall-hajt u qabdu f'xulxin hux. Intfajt mall-hajt u qabdu f'xulxin. … Ninu Debono wegga hux."*.[54]

**Michelle Debono** spjegat kif kienet fil-gallarija tad-dar fi Triq il-Kandlora u semghet hafna ghajjat. Harget u sabet lil Philip jirrabja mal-kunjatu, Baskal.[55] Tixhed: *"Kien ghaddej hafna ghajat u storbju u hrigt barra jiena fil-gallarija. Kien hemm wiehed Silvio Borg beda jzomm lil Philip Borg, imbaghad cempilt lir-ragel ghidtlu biex jigi ghax qed jaqbdu ma' missieru, u sa dan it-tant lahaq gie t-tifel tieghu jaqsam minn faccata. Dan it-tifel tieghu ghal Christian Borg beda jippunta u jghajat f'wicc Ninu l-kunjatu jigi, beda jghajat u jippunta subajh, u f'daqqa wahda l-kunjatu fetah il-vann, dar minn wara biex johrog xi haga u **kien hemm wiehed qabdu minn wara u daruh it-tnejn li huma, bdew ituh fl-art.** Imbaghad il-kunjatu tkaxkar, dawn lahqu telqu dawn it-tnejn,*

[52] Fol.66-67
[53] Fol.74
[54] Fol.75-76
[55] Fol.77-78

*il-kunjatu tkaxkar fuq il-bankina u qalilna biex incemplu ghall-abbulanza…. Philip beda jghidlu biex ma jmisslux it-tfal, biex hadd ma jheddidlu t-tfal, beda jghidlu xi haga fuq it-tifel, l-argument kien…. rajt lil kunjatu ha jiftah il-bieba tal-vann ta' wara u sa dan it-tant narahom f'xulxin. Sakemm ghalaqt ghajnejja narahom f'xulxin. Nara l-kunjatu, Philip Borg u Christian Borg qed jaghtuh. Rajt il-kunjatu fl-art, dak il-hin jien bdejt nghajat biex jieqfu biex jilhaq jigi r-ragel."* L-imputati bdew isawtu lil Baskal ***"It-tnejn li huma li sawwtuh*** *wara li sawwtuh telqu l'hemmhekk ma nafx x'gara bejniethom, u naf zgur li l-kunjatu tkaxkar fuq patattu u qal cemplu l-abbulanza".*[56]

In kontro-ezami tispjega li dak li sehh qabel ma Debono resaq lejn il-vann biex igib xi haga minnu *"x'hin Silvio Borg beda jzomm lil Philip u* ***x'hin gie t-tifel tieghu beda jipponta subajh u jghajat f'wiccu l-kunjatu hemmhekk mar jiftah il-bieba****…. Sakemm fetah il-bieba dort narahom fl-art fuq xulxin jaghtu.".*[57] Tghid li semghet lill-imputati jghidu li Debono mar igib injama izda hi ma rathiex. Saret taf dwar din wara meta tkellmu fuq il-kaz. *"Kif tawh id-daqtejn telqu".*[58] Ghalkemm ma ratx il-hgiega tal-*windscreen* tinkiser semghet id-daqqa.[59]

Il-**Professur Mark Portelli** ezaminha lil Debono u sab li dan soffra permanent disability ta' 14%.[60]

[56] Fol.78-80
[57] Fol.81-82
[58] Fol.83
[59] Fol.84
[60] Fol.127. Rapport **Dok. MP** a fol. 129 et seq.

Mic-**certifikat tat-twelid** ta' Baskal Debono jirrizulta li fil-jum tal-aggressjoni hu kellu 64 sena.[61]

**Marika Scicluna** esebiet il-**Medical History File** ta' Baskal Debono.[62]

**Philip Borg** xehed kif dakinhar tal-incident kien id-dar ma martu meta cempillu Christian u qallu *"Da, qallu Ninu rega' rassni, kissirli l-mera tal-karozza u ghax ghidtlu beda' jkellimni hazin, beda' joffendih Ninu Pasquale. Qalli jien dawwart, qalli mort ilhaqtu t-triq tas-Siggiewi biex nigbidlu l-attenzjoni ghalfejn qed joffendini wara li laqatli l-mera tal-karozza u qabad nizel Ninu, hareg il-frustin u beda' jxejjirlu bil-frustin u t-tifel skappa. Kien hemm il-mara tieghu xhieda."*[63] Imbaghad hareg mid-dar mal-mara u marru fejn it-tifel. Staqsieh jekk riedx jaghmel rapport l-ghassa izda dan qallu biex ihalli kollox joqghod. Hekk kif saq minn fejn it-tifel kien diehel Pasqauale bil-van u ghamillu sinjal biex jieqaf *"u jien waqaft u inzilt u ghidtlu ghalfejn inziltli ghat-tifel bil-frustin Nin? Qalli mhux veru, jien ma nziltx bil-frustin ghat-tifel tieghek. Filwaqt u l-hin it-tifel beda' jisma' l-ghajjat u d-diskors u n-nies bdew jieqfu u gie t-tifel hdejna u ghidtlu Ninu qed jghid, Pasquale qed jghid li mhux vera nizel ghalik bil-frustin, qalli iva Da vera. Kif ghidnilu tlett darbiet u t-tlett darbiet qal li mhux vera imbaghad ifferocja u qalli iva vera ta' u ha nohorgu ha naghtikom xeba bih, fetah il-bieba tal-van, hareg il-frustin ixejjer daqqa, l-mara tieghi Alla jahfrilha ghax issa ma ghadhiex mieghi mill-gimgha l-ohra lil hawn imbuttat lit-tifel. Hawn Ghandi r-ritratti*[64]*…. il-mara imbuttat lit-tifel biex ma jolqtux ghax il-mara kienet qed titkellem ma' Ninu biex naghmlu*

[61] **Dok.RA** a fol. 134
[62] **Dok.MS** a fol. 136
[63] A fol 307
[64] **Dok.PB** a fol.310

*hbieb u intlaqtet il-mara ….U kif imbuttat lit-tifel biex ma jintlaqatx it-tifel, intlaqtet hi go sieqha fejn l-ghaksa, hemm ir-ritratti u c-certifikat. Li gara mbaghad, Ninu baqa' jxejjer bil-frustin u min kien qed izomm lili li huwa x-xhud ta' Ninu, li kien xehed hawnekk stess beza' li ser jintlaqat hu u telaqni, kif telaqni jien* ***lil Ninu ahna imbuttajnih mal-art, Ninu waqa' mal-art*** *u beda' jghajjat ajma ajma sieqi, jien qbadtlu l-frustin u hadtulu minn idu u* ***tajtu daqtejn go siequ biex nikwietah*** *ghax hu kien ser jibqa' jifferocja ghalina sejjer ixejjer.".*[65]

Dwar il-fatt li Debono qal li kien kissirlu l-*windscreen* l-imputat jsostni li Debono beda *"jipprova jsuq biex itajjarni u hekk u jien ghamilt hekk mal-windscreen u lqatt il-windscreen, dik naf mill-ewwel mija fil-mija. Imbaghad x'hin induna li inkiser il-windscreen imbaghad hareg u beda' jixxena u jikkummiedja."*. Ikompli li Debono kien ilu jaqbad ma binthu, ma ibnu w martu billi jizzikahom u jghaddi kliem dispreggjattiv fil-konfront taghhom.[66]

Ritratti esebiti ta' mart l-imputat juru diversi daqqieeet li *ictu oculi* huma kompatabbli ma daqqiet b'xi oggett irqiq bhalma hu frostin.

**Christian Borg** ukoll ghazel li jixhed u spjega kif kien ltaqa' ma Debono fi triq dejqa u dan ghafas ghal fuqu u laqatlu l-mera tal-vettura tieghu. Dawwar u saq ghal warajh biex jigbidlu l-attenzjoni li laqtu izda dan beda jkellmu hazin. Hu waqaf u nizel mill-vettura u Debono nizel ukoll u beda jxejjer frostin u joffendieh.[67] Peress li beza' resaq lura u saq lejn id-dar.

---

[65] Fol.308-308a
[66] Fol 308a
[67] Fol.313-314

Cempel lill-missieru li qallu sabiex imorru jaghmlu rapport l-ghassa izda hu ma riedx. U hareg jittawwal, Meta kompla jisma l-ghajjat hareg fit-tarf tat-triq fejn sab lill-ommu titkellem ma Debono. *"Imbaghad x'hin wasalt jien Pasquale qal ara wasal il-*** kollu, il-p**** kollu ghax hu il-hin kollu jinsulentani. Imbaghad bdejt nisma' l-ghajjat jien u missieri qalli Chris Pasquale qed jghid li mhux vera hareg bil-frustin ghalik, ghidtlu iva Pa, Pasquale hareg bil-frustin ghalija u beda' jxejjru, qallu Paskwal dan qed jghid li hrigt il-frustin, qallu le mhux veru, imbaghad ergajt ghidtlu vera, qalli iva vera, qalli jien x'ala z**** ha nerga nohorgu u naghtikom xeba bih. Kif ezatti hargu u fetah il-bieba tal-van ta' wara beda' jxejjer, <u>ommi imbuttat lili u qalghet l-ewwel daqqa</u> ommi f'sieqha,* ***imbaghad jien qbizt fuqu ….il-papa [imbuttah]…. Imbaghad jiena qbizt fuqu*** *u dak il-hin hu beda' sejjer jghid ajma issa impattijilkom, impattijilkom, insallabkom, sadanittant ix-xhud tieghu telqu lil missieri ghax beda' jibza li ser jintlaqat u jien tlaqt lil hemm dak il-hin."*.[68]

**Leanne Borg** xehdet kif kienet sejra lura d-dar ma zewgha Christian x'hin Debono kien gej mid-direzzjoni opposta. Madanakollu din ix-xhud ma kienitx prezenti meta sehhet il-glieda mertu tal-akkuzi odjerni.

Ikkunsidrat,

Il-parte civile rrinunzja jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imsemmija imputati.[69] L-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali izda jipprovdi:

---

[68] Fol.314-315
[69] Fol.306

> Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:
>
> Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat.

Ghalhekk fil-kaz in dezamina r-reat ravvizat bl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali jibqa' wiehed prosegwibbli *ex officio*.

Ghalkemm fil-kors tat-trattazzjoni taghha l-abbli difiza issemmi li kien Philip u mhux Christian li mbotta lil Debono bil-konsegwenza li dan soffra ksur, min imkien ma jirrizulta dan ghajr ghad-dikjarazzjoni li ghamlet Antonella Borg *a tempo vergine* meta tghid ***"Ir-ragel imbutta lil Ninu u waqa mal-art."***[70] Din kienet **aggressjoni wahda li fiha kienu involuti u kompartecipi iz-zewg imputati**. Sa mill-bidu nett meta mitkellma mis-Surgent li hadilhom il-verzjonijiet minn taghhom Christian jghid ***"meta ccaqlaq biex jahrab daqqa dan laqat lil Ninu bil-konsegwenza li waqa' mal-art."***.[71] Mill-banda l-ohra Philip Borg *a tempo vergine* kien stqarr mas-surgent ***"u meta t-tifel imbuttah Ninu waqa u beda jghajjat bl-ughih u kien f'dan il-mument li Philip qabad il-frustin u sabbtu mal-art bil-konsegwenza li dan inqasam"***.[72]

---

[70] Fol.21-22
[71] Fol.21
[72] Fol.21

Debono ukoll kien semma kif l-imputati ***"tefawh mal-art u bdew jghattuh bis-sieq"***[73] verzjoni kkorroborata minn **Philippa Elmer** li ssemmi kif dawn ***"flimkien dawn kienu hebew ghal Debono tefawh mal-art u bdew jghatuh".***[74] L-istess tixhed **Michelle Debono, "*daruh it-tnejn li huma, bdew ituh fl-art.*** *…….. Nara l-kunjatu, Philip Borg u Christian Borg qed jaghtuh. Rajt il-kunjatu fl-art, dak il-hin jien bdejt nghajat biex jieqfu biex jilhaq jigi r-ragel…………****It-tnejn li huma li sawwtuh*** *wara li sawwtuh telqu l'hemmhekk".*[75]

Fl-istqarrijiet minn taghhom ukoll jirrizulta kemm l-aggressjoni kienet <u>wahda unika fejn jirrizulta li t-tnejn li huma involvew ruhhom attivament fiha.</u> Christian jammetti *"**imbghad <u>jien imbuttajtu lil Ninu</u> u huwa waqgha mal-art** u **taghjtu xi daqqiet** u [recte: Ninu] beda jxejjer fl-istess hin…..**Jien tghajtu zgur**".*[76] Minn naha tieghu **Philip Borg** ukoll jammetti ***"dak il-hin <u>lil Christian ghidtlu imbuttah, tiehilu</u>, thalliehx jaghtik, jien irvillajt………..****imbghad Ninu kien mal-art,* ***<u>ma nafx jekk kontx imbuttajtu jien jew inkella kien imbuttah it-tifel</u>*** *u kif hadtlu l-frostin jiena* ***xejjirtlu daqqa tajba bih*** *u nahseb lqattu go siequ".*[77]

Imbghad fil-kors tax-xhieda tieghu Christian jghid ***"imbaghad jien qbizt fuqu ….il-papa [imbuttah]…. Imbaghad jiena qbizt fuqu*** *u dak il-hin hu beda' sejjer jghid ajma issa impattijilkom, impattijilkom, insallabkom, sadanittant ix-xhud tieghu telqu lil missieri ghax beda' jibza li ser jintlaqat u jien tlaqt lil*

---

[73] Fol.20
[74] Ibid.
[75] Fol.78-80
[76] Fol.33
[77] Fol.35

*hemm dak il-hin.".*[78] Philip jixhed *"min kien qed izomm lili li huwa x-xhud ta' Ninu[Silvio], …. beza' li ser jintlaqat hu u telaqni, kif telaqni jien **lil Ninu ahna imbuttajnih mal-art, Ninu waqa' mal-art** u beda' jghajjat ajma ajma sieqi, jien qbadtlu l-frustin u hadtulu minn idu u **tajtu daqtejn go siequ biex nikwietah** ghax hu kien ser jibqa' jifferocja ghalina sejjer ixejjer.".*[79]

Minn dan jirrizulta li huma z-zewg imputati li ghandhom iwiegbu ghall-griehi kagunati fuq Debono. Michelle Debono li assistiet ghall-aggressjoni mwettqa fuq Debono mill-gallarija taghha tixhed hekk: "*Christian Borg beda jippunta u jghajat f'wicc Ninu l-kunjatu jigi, beda jghajat u jippunta subajh, u f'daqqa wahda l-kunjatu fetah il-vann, dar minn wara biex johrog xi haga u **kien hemm wiehed qabdu minn wara u daruh it-tnejn li huma, bdew ituh fl-art."***[80]

Il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li din l-aggressjoni giet instigata minn Philip li, mimli kif kien ghal Debono li kien ghadu kif tlewwem ma ibnu w tenut kont tar-relazzjoni xejn civili li kienet tezisti bejniethom, hekk kif lemah lil Debono dlonk nizel ghalih. In-neputi ta' Philip stess jiddeskrivi li anke sakemm wasal hu kien ghadu rrabjat sew Philip tant li pprova jikkalmah izda fl-ahhar telqu! Kienet din l-aggressivita` da parti tal-imputat Philip Borg li tat bidu ghal dan l-incident u mhux Baskal Debono kif tikkontendi d-difiza. Il-Qorti temmen li kien f'dan il-mument u cioe` meta issa Debono gie mdawwar mhux biss minn Philip izda anke minn ibnu li rrejagixxa ghall-aggressjoni billi mar lejn in-naha ta' wara tal-vann

[78] Fol.314-315
[79] Fol.308-308a
[80] Fol.78

u hareg il-frostin u beda jxejjru lejhom. Mix-xhieda ta' Michelle Debono li ssahhah il-verzjoni ta' Baskal johrog cjar li Debono mar igib il-frostin/bastun hekk kif issa kien qed jigi aggredit mhux biss minn Philip izda anke minn Christian li inghaqqad ma missieru w hebbew ghal Debono. [81] Meta imbghad intlaqtghet Antonella Borg, l-aggressjoni evolviet minn wahda verbali ghal wahda fizika. Jibqa' l-fatt izda **li l-vittma f'din l-aggessjoni kien wiehed, Baskal Debono** u Antonella kienet sfortunata li biex tevita li jwegggħu zewgha u binha intlaqtghet hi. Fi klimeha *a tempo vergine, "F'daqqa wahda [Debobo] hareg il-frustun u beda jxejru lejna. It-tifel tbaxxa u spicca laqghat lili f'siqghi."*.[82] Christian ukoll stqarr li *"Ninu beda jxejru u laqat lil ommi f'sieqha,"*.[83]

Ghaldaqstant f'dan il-kwadru ma tista' tapplika l-ebda iskuzanti tal-provokazzjoni jew dik tal-eccess tal-legittima difeza. *Multo magis* ma ssibx applikazzjoni l-iskriminanti tal-legittima difeza.

Fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ghamlet ezami *funditus* dwar l-iskriminanti tal-legittima difeza u l-iskuzanti tad-delitti kontra l-persuna:[84]

> **46.** Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni

---

[81] Fol.78; 81-82

[82] Fol.21-22

[83] Fol.33

[84] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, Onor Imhallef Edwina Grima; Deciza 3 t'Ottubru, 2018; Att ta' l-Akkuza Numru 4/2011

affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata :-

> **"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.[85]"**

**47.** Illi l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali ighid hekk dwar din l-iskriminanti:

**Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.**

**48.** Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa** deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-16 ta` Ottubru 2003 fejn inghad hekk :-

> **"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa**

[85] Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Psaila**'

necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.

Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):

"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:

"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."

Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi:

**l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`."**

**Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:**

> **"Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato"**

**49**. Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awto-tutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni :-

**"La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.**

**La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.**

**Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.[86]"**

**50**. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-aggressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

**51**. Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti-

[86] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

**L'accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all'offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.**

**La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.**

**Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti i casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.**[87]

**52**. Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.

**………**

**56**. Illi konsegwentement din il-Qorti tghid illi lanqas l-iskuzanti ravviżata fl-artikolu 227(d) u ċioe l-eċċess tal-leġittima difiża ma tista` tigi applikata fil-kaz tal-lum, billi sabiex dik l-iskużanti tista` titqies huwa necessarju li l-Qorti ssib li kien hemm l-iskuzanti tal-leġittima difiża, li mhuwiex il-kaz tal-lum.

………

**59.** Fit-tielet aggravju, l-appellant iqanqal l-iskużanti tal-provokazzjoni <u>b'offiża gravi jew b'delitt ieħor kontra l-persuna</u>, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija, jew provokazzjoni minn delitt ta' kull xorta kontra l-persuna, kif ravvizat fl-artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali.

87 http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

……..

**Ikkunsidrat :**

**61.** Illi filwaqt li huwa minnu li r-reat jew reati allegatament kommessi jew li setgħu ġew kommessi fil-konfront tal-appellant, fix-xenarju abbraccjat minn din il-Qorti, m`ghandhomx jitqiesu bhala ta' natura kontravenzjonali, bl-appellant isofri griehi ta' natura hafifa fil-kollutazzjoni li rrizulta li sehhet, xorta jibqa` li dawn ir-reati ma jġorrux piena ta' aktar minn sena prigunerija, bir-reat tal-offiza hafifa fuq il-persuna, fiz-żmien l-inċident, ikun punibbli bi tlett xhur priġunerija, bl-uzu ta' ġebel lanqas ma jista' jitqies bhala "uzu ta' xi arma rregolari" fil-waqt tal-kommissjoni tad-delitt fit-termini tal-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali.

…….

**65.** Illi l-artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi r-reat tal-omicidju volontarju jkun skuzabbli :

> **(c) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;**
>
> **Sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.**
>
> …….

**69.** Madanakollu, sabiex tirnexxi b'success din l-iskuzanti, il-gurisprudenza tghid :-

> **'Jemergi li biex omicidju volontarju jkun skuzabbli jinhtieg li l-persuna li tikkommettieh, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx fi stat li tqis l-ghemil taghha minhabba**

**li tkun taht l-influwenza immedjata (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Sija fil-kaz ta' passjoni istantanja u sija fil-kaz ta' agitazzjoni tal-mohh, jibqa' dejjem mehtieg li l-persuna li toqtol tkun taht l-influwenza immedjata ta' wiehed jew l-iehor minn dawn l-istati mentali.**

**Dan l-istat mentali tal-akkuzat jista' jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament, ghall-provokazzjoni, u jinghad 'jista' jkun' il-ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-infanticidju.**

**Biex iservu ta' attenwant ghal akkuza ta' omicidju volontarju, kemm il-passjoni istantanja u kemm l-agitazzjoni tal-mohh, li taht l-influwenza taghhom persuna tagixxi, iridu jkunu tali li mhabba fihom dik il-persuna, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-ghemil taghha.**

**U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna li fil-kazijiet ta' provokazzjoni, cioe` f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar habba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt'[88]**

**70.** Tkompli l-gurisprudenza :-

[88] Deċiż fit-28 ta' Settembru 2004, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Supejuri), mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David, **Ir-Repubblika Ta' Malta Vs Aimen Said Giali El Baden.** Vide ukoll **Il-Pulizija vs Anthony Cuschieri:** "Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt......skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju." Qorti tal-Appel Kriminali, Onor. Imħallef Edwina Grima, Appell Nru 379/2016; Deciza 30 ta' Marzu, 2017.

**'l-agitazzjoni tal-mohh ma tfissirx necessarjament li ma hemmx intenzjoni. Addirittura l-ligi stess tikkontempla reat bhar-reat ta' omicidju volontarju skuzat bl-agitazzjoni tal-mohh. Mela allura jfisser li hemm l-elementi kollha ta' l-omicidju volontarju inkluza allura l-intenzjoni li noqtol jew li nqieghed il-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car, pero` jkun hemm l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh'[89].**

**71.** Illi l-Qorti trid allura tqis l-agir tal-appellant anke fid-dawl ta' dak prospettat fl-artikoli 229, 230 u 235 tal-Kodiċi Kriminali li jridu jinqraw flimkien mal-artikoli formanti l-mertu ta' dan l-aggravju[90]. Tajjeb jingħad illi b` differenza mal-leġittima difiża, it-test huwa wieħed oġġettiv. Il-Qorti trid tqis jekk nies ta' temperament ordinarju kienx ikollhom l-istess reazzjoni li kellu l-appellant ghall-argument li nsorga bejnu u bejn Joseph Mifsud, argument li kien jinvolvi drittijiet ta' natura civili dwar il-bini ta' hajt tas-sejjiegh u jekk allura fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-appellant kienx gustifikat illi jsib ruhu fis-sitwazzjoni fejn ma jkunx fil-posizzjoni li jqis l-eghmil tieghu u l-konsegwenzi tal-istess.

**72.** Skont il-Professur Sir Anthony Mamo, il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu.

**73.** Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv u cioe` persuna b` temperament ordinarju. Il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza :-

**"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' <u>dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta</u> … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche***

[89] Deċiża fit-8 ta' Ġunju 2006, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), mill-Imħallfin - Filletti Joseph A., Scicluna David, Micallef Joseph R. - **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat**

[90] L-artikolu 229 jitratta meta l-iskużanti taħt l-artikolu 227(c) mijiex ammissibbli; l-artikolu 230 jitratta meta offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli; l-artikolu 235 tispjega meta l-provokazzjoni tiswa, fejn il-liġi teskludi l-applikazzjoni tal-provokazzjoni taħt l-artikoli 227 u 230 '*meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża*'.

***di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*** **(Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).[91]"**

**74.** Ghalhekk hemm zewg elementi li fuqhom hija fondata l-iskuzanti. Fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ngusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli. Fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Fuq l-insenjament appena citat u fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali ma jista` qatt jinghad li l-ghemil tal-imputati jinkwadra fl-iskriminanti tal-legittima difeza u lanqas ma jsib applikazzjoni l-iskuzanti tal-provokazzjoni jew dak tal-eccess tal-legittima difeza.

Wara kollox kienu l-imputati Borg li aggredew lil Debono hekk kif kien fi triqtu lejn daru. Antonella ntlaqtghet kawza tal-aggressjoni li giet instigata minn Philip Borg u ezegwita minnu u minn ibnu Christian Borg.

Illi t-tieni imputazzjoni ma gietx soddisfacentement ippruvata. Ghalkemm Christian fl-istqarrija tieghu jammetti li offenda lil Debono ma jirrizultax li Debono gie ingurjat jew mhedded.

[91] Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**

Figward it-tielet imputazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[92] fejn inghad:

"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Tanti** rriteniet kif gej:[93]

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:**

"Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" **[5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-*"common law*" Ingliza kien jissejjah "*a breach of the peace"* . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.**

[92] Deciza 19 ta' Novembru, 1999; Volum LXXXIII Part IV paġina 441
[93] Appell Nru.46/2005; Deciza 5 ta' Mejju, 2005, per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

**Fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" **[23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet :** "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." **kien qal hekk :-**

***"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato."* (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).**

**Fl-istess sentenza ta'** Paul Busuttil **gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-**

***"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In*** *Ferguson v. Carnochan* ***(1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in*** *Macmillan v. Normand* ***(1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .***

**u dik il-Qorti ziedet tghid li :-**

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh,* 1978):

***"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41-01).***

***U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-***

***"...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).***

Illi l-imputazzjoni ravvizata bl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali kjarament tirrizulta tenut kont li l-agir tal-imputati kien wiehed li necessarjament nissel *"minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil".*

Michelle Debono tghid li *"Kien ghaddej hafna ghajat u storbju"*[94] tant li x'hin rat dak li kien qed jigri cemplet lill-zewgha u ppruvat iccempel ghall-ambulanzau dak li rat isehh gghelha iccempel lill-zewgha ippruvat issejjah lill-Pulizija izda *"ma stajtx insib in-numru bir-roghda u l-fixkla li kellhi".*[95] Issir riferenza wkoll ghal dak li xehdu l-imputati u cioe` meta jikkonfermaw li kien propju ghaliex inholoq biza f'Silvio Borg ghall-inkoluminita` tieghu li hu ma baqax izzomm lil Philip milli jaggredixxi lil Debono: *"min kien qed izomm lili li huwa x-xhud ta' Ninu[Silvio], .... beza' li ser jintlaqat hu u telaqni, kif telaqni jien* ***lil Ninu ahna imbuttajnih mal-art, Ninu waqa' mal-art*** *u beda' jghajjat ajma ajma sieqi, ...."*[96] filwaqt li Christian xehed *"sadanittant ix-xhud tieghu telqu lil missieri ghax beda' jibza li ser jintlaqat u jien tlaqt lil hemm dak il-hin.".*[97]

---

[94] Fol.78
[95] Fol.83
[96] Fol.308-308a
[97] Fol.314-315

Dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fatt li l-parte civile gie rizarcit u li ma fadallu l-ebda interess ulterjuri f'dawn il-proceduri, tal-fedina penali tal-imputati fosthom dik netta ta' Christian Borg, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz inkluz il-komportament ta' Debono li kien ilu zmien twil jizzika l-familja Borg. Jibqa' l-fatt li Debono kien anzjan ta 64 sena meta safa aggredit mill-imputati. L-artikolu 222A(1) tal-kodici Kriminali jipprovdi:

> **222A.** (1) Il-pieni msemmijin fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-offiża ssir fuq persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew fuq persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew:

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputati mit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 218,[98] 222A(1) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali issib lill-imputati hatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni,  u fil-konfront ta' Philip Borg wahdu, wara li rat ukoll l-artikoli 49 u 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, issibu hati wkoll tar-raba u tal-hames imputazzjoni, tikkundanna lil Philip Borg ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erba snin millum u lil Christian Borg ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erbghin (40) xahar millum**.**

[98] Qabel l-emendi introdotti bl-***Att XIII tal-2018*** il-piena ghal dan ir-reat kienet dik ta' bejn 9 xhur u 9 snin prigunerija.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallas bejniethom f'sehem indaqs l-ammont ta' €255 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputati ghaf-favur ta' Baskal Debono ghal zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**